

Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa:

Karta tal-Konferenza



Conference
on the **Future**
of **Europe**

Il-Karta għaċ-ċittadini u l-organizzaturi ta' avvenimenti li qed jipparteċipaw fil- KONFERENZA DWAR IL-ĠEJJINI TAL-EWROPA

Se nikkontribwixxi għad-dibattitu u d-deliberazzjonijiet dwar il-prijoritajiet għall-ġejjieni komuni tagħna, flimkien ma' ċittadini mill-isfondi, mill-modi ta' ħajja u mill-irkejjen kollha tal-Unjoni Ewropea.

Bħala parteċipant fil-Konferenza, nimpenja ruħi li:

- Nirrispetta l-**valuri Ewropej tagħna**, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea: **id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi**, li jiffurmaw parti minn dak li jfisser li tkun Ewropew u li nikkomunikaw b'rispett lejn xulxin. Dawn il-valuri huma **komuni għall-Istati Membri kollha f'soċjetà fejn iridu jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel**.
- Nikkontribwixxi għall-Konferenza bi proposti kostruttivi u konkreti, filwaqt li nirrispetta l-opinjoni taċ-ċittadini l-oħrajn u nibnu l-**ġejjieni tal-Ewropa** flimkien.
- Nogħod lura milli nesprimi, inxerred jew naqsam **kontenut li jkun illegali, ta' mibegħda jew deliberatament falz** jew **qarrieqi**. F'dan il-kuntest, se nirreferi dejjem għal sorsi **kredibbli u affidabbli** meta naqsam kontenut u informazzjoni biex jappoġġjaw l-ideat tiegħi.
- Il-parteċipazzjoni tiegħi fil-Konferenza hi **volontarja** u mhux se nipprova nuża l-Konferenza biex infittex xi interessi **kummerċjali jew esklużivament privati**.

Bħala parti li qed norganizza l-avvenimenti taħt il-kappa tal-Konferenza, nimpenja ruħi li:

- Inpoġġi liċ-**ċittadini fiċ-ċentru** ta' kull avveniment u nippermettilhom jesprimu l-opinjoni tagħhom b'mod liberu.
- Nippromwovi avvenimenti li huma **inklużivi u aċċessibbli** għaċ-ċittadini kollha, inkluż billi nipubblika d-dettalji ta' kull avveniment fuq il-pjattaforma diġitali multilingwi tal-Konferenza.
- Nirrispetta l-**prinċipji kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Konġunta** dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u niżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiddiskutu s-suġġetti li huma rilevanti għalihom.
- Inħeġġeġ id-**diversità fid-dibattiti**, billi nappoġġja b'mod attiv il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini mill-modi kollha tal-ħajja, irrispettivament mill-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, l-isfond soċjoekonomiku, ir-reliġjon u/jew il-livell ta' edukazzjoni..
- **Nirrispetta l-libertà tal-espressjoni**, billi nagħti spazju għal opinjonijiet u proposti li jikkompetu - sakemm dawn la jkunu ta' mibegħda u lanqas illegali.
- Fejn hu possibbli u rilevanti, niffavorixxi l-**parteċipazzjoni transfruntiera** taċ-ċittadini u l-użu ta' lingwi differenti tal-UE fl-avvenimenti.
- Niggarantixxi **trasparenza sħiħa**. Wara kull avveniment, se **nirrapporta b'mod miftuħ dwar id-dibattiti u r-rakkomandazzjonijiet** formulati miċ-ċittadini fuq il-pjattaforma diġitali multilingwi tal-Konferenza. Se **nistrimja u/jew inxandar l-avvenimenti**, fejn ikun possibbli.
- Meta nipprovdni **informazzjoni dwar is-suġġetti fid-dibattitu** liċ-ċittadini (eż. materjal diġitali, stampat jew awdjoviżiv), niżgura li tkun preċiża, affidabbli, aċċessibbli u b'referenzi traċċabbli.
- Niżgura l-konformità mar-regoli tal-**UE** dwar il-**protezzjoni tad-data** u l-privatezza.
- Nuża biss l-**identità viżwali tal-Konferenza** biex nikkomunika dwar l-avveniment.

Liċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet sħab li jixtiequ jjeħdu parti attiva fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa għandhom jirrispettaw din il-Karta. L-Istituzzjonijiet Ewropej jirriżervaw id-dritt li jneħħu l-kontenut mill-pjattaforma diġitali jekk jinstab li jkun qed jikser dan l-impenn personali, kif ukoll li jipprevjenu jew jirtiraw id-dritt li tintuża l-identità viżwali tal-Konferenza minn individwu jew organizzazzjoni bi ksur tal-prinċipji tal-Konferenza.korištenje vizualnog identiteta konferencije.